MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2004

Appell Civili Numru. 571/2002/1

**Dr. Joseph Brincat**

**vs**

**Anton Attard bhala editur ta' Net Television**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta' Frar, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat l-20 ta' Settembru tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat, prevja d-dikjarazzjoni:

1. Illi l-konvenut hu responsabbli ghall-malafama mxandra fl-ahbarijiet ta' Net Television fid-19 ta' Settembru tas-sena 2002, fil-konfront tal-attur, liema fatti huma libelluzi;

2. Konsegwentement ihallas dik is-somma li tigi likwidata in linea ta' danni skond l-Artiklu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Il-konvenut hu mharrek ghas-subizzjoni;

4. Bl-ispejjez;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-17 ta' Ottubru tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

Illi ebda parti mix-xandira in kwistjoni ma hi libelluza.

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-affidavit ta' l-attur;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn din il-qorti thossha fid-dover tirrimarka li l-konvenut jidher li ghazel li la qatt jidher f'din il-procedura u wisq anqas jixhed fiha;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-procedura jistghu sintetikament jigu kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-kawza odjerna hi naxxenti minn silta mill-ahbarijiet mxandar minn Net Television fid-19 ta'

Settembru tas-sena 2002 fejn l-attur hassu ngurjat u malafamat;

2. Illi l-attur hassu hekk ghaliex isostni li dan il-bullettin ta' l-ahbarijiet partikolari pparagunah ma traffikant ta' droga stante li fil-qadi tal-professjoni tieghu l-attur iddefenda klijent tieghu li fil-perjodu in dizamina kien igawdi minn certa notorjeta';

3. Illi di piu' gie sostenut ukoll fl-istess bullettin in dizamina li l-professjonalita' ta' l-attur ghalhekk holqot disgwid fic-Centru Nazzjonali Laburista stante li l-istess attur kien qed jiddefendi persuna ohra distinta mit-traffikant tad-drogi fuq accennat izda involut mieghu fi proceduri serjissimi li ghadhom pendenti quddiem il-qrati lokali;

4. Illi l-attur hassu wkoll ingurjat meta kliem il-kap tal-partit li fih jimmilita b'passjoni ghamel xi riflessjonijiet fl-1996 rigward il-funzjoni tal-avukatura involuta fil-politika li tkun imdahhla sew ukoll fil-qasam ta' difiza kriminali;

5. Illi l-istess bullettin jidher li sostna xi tip ta' decizjoni da parte tal-partit politiku ta' l-attur fis-sens li hadd mid-deputati u l-ufficcjali tieghu m'ghandu jiddefendi nies b'rabtiet mat-tixrid tad-droga;

6. Illi l-istess bullettin isostni wkoll li l-attur stess kien diga' kiser din id-direttiva sahansitra fl-1999;

7. Illi l-istess bullettin ikompli jirredikola lill-attur billi jpengieh li minn naha jakkuza lill-awtoritajiet bi traffikanti tad-droga u minn naha l-ohra jiddefendi persuna akkuzata b'reat infami stante li agixxa biex persuni ma jaghmlux dmirhom biex igawdi traffikant tad-drogi inkallit;

Ikkunsidrat:

Illi d-difiza tal-konvenut hi wahda skjetta u univoka – dan kollu m'hux libelluz;

Ikkunsidrat:

Illi preliminarjament pero' din il-qorti thossha obbligata tikkommenta gudizzjarjament fuq it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali tal-konvenut latitanti li in sintesi sostna s-segwenti:

1. Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam ma kwistjoni ta' koerenza procedurali:

a. l-attur ma giex ippruvat li hu l-editur responsabbli;

b. ix-xandira originali ma gietx ipprezentata fl-atti;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jkun pacifiku li l-procedura odjerna hi wahda ta' natura sommarja fejn il-partijiet ghandhom certi obbligi differenti mill-procedura aktar solenni li forsi huma mdorrija biha f'dawn il-kawzi;

Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mar-responsabbilita' editorjali tal-konvenut dan gie mill-ewwel indirizzat mill-attur fl-istess avviz promotur u l-konvenut, fin-nuqqas tal-komfutazzjoni tieghu fin-nota ta' l-eccezzjonijiet minnu pprezentata mhux biss ma weriex opposizzjoni ghal dan izda lanqas biss ghamel accenn ghalih;

Illi ghaldaqstant f'kawzi ta' natura sommarja bhal dik in dizamina is-sottomissjoni tal-konvenut fir-rigward hi ekwivalenti ghall-accettazzjoni implicita ta' l-istess;

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward tal-bullettin ut sic ghandu jinghad li l-attur ipprezenta versjoni dattilografata tieghu konfortata bil-gurament fejn l-istess rapprezentant legali tal-konvenut li ssollevaha kellu l-fakolta piena tal-kontro-ezami, izda minflok li jikkonfutaha ghazel li jaccettaha implicitament;

Illi di piu', il-veradicita' tat-traskrizzjoni pprezentata qatt ma giet ikkontestata anzi l-istess rappresentant legali tal-konvenut, ufficjal tal-qorti skond il-ligi, kompla jagixxi a bazi ta' l-istess dokument ipprezentat;

Illi ghaldaqstant fl-assjem tieghu l-agir tal-konvenut tramite r-rapprezentant tieghu hu ekwivalenti ghall-accettazzjoni tad-dokument de quo bhala wiehed tajjeb bizzejjed li jippermettilu jivvinkolah;

Illi inoltre, bil-prezentazzjoni nnifisha tan-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut implicitament ukoll jikkonferma li accetta l-kwalita' indirizzata lejh ta' "editur ta' Net Television";

Ikkunsidrat:

Illi finalment, fil-meritu, il-konvenut isostni li l-ebda parti mix-xandira in kwistjoni ma hi libelluza;

Illi tali affermazzjoni tirrikjedi li ghandha tkun legittima kemm-il darba tistrieh fuq tlett pilastri, senjatament:

1. Ezami soggettiv tal-persuna indirizzata;

2. Ezami oggettiv tal-fatti attribwiti;

3. Rizultanzi fattwali;

Ikkunsidrat:

Illi l-analizi soggettiv gia' gie sintetikament espost aktar qabel u jkun superfluwu li jerga' jigi ripetut f'dan l-istadju;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-analizi oggettiv rikjest l-attitudni tal-konvenut xejn ma kienet ta' ghajnuna stante li ghazel il-latitanza;

Ikkunsidrat:

Illi fin-nuqqas ta’ konfront fattwali possibbli din il-qorti ma baqala l-ebda alternattiva ohra hlief li takkolji l-lanjanzi ta’ l-attur;

Ikkunsidrat:

Illi anke fil-meritu pero’ ghandu jinghad li t-traskrizzjoni ipprezentata u tacitament accettata bhala korretta mill-konvenut  titfa’ dawl ferm ikrah fuq l-attur;

Illi ghandu jinghad li l-professjoni in dizamina m’hux biss hi wahda libera izda jekk javvera ruhu dak riferit fit-traskrizzjoni in dizamina dan jista’ jkun ta’ konsegwenzi serjissimi fit-tutela piena tad-dritt fundamentali ghad-difiza ta’ l-ghazla ta’ l-akkuzat;

Ghaldaqstant din il-qorti taqta’ u tiddeciedi li hi sodisfatta li l-allegazzjonijiet kollha kontenuti fit-traskrizzjoni in dizamina tal-bullettin fuq riferit huma malafamanti fil-konfront tal-attur u li allura l-attur ipprova l-kaz tieghu skond il-ligi;

Illi allura filwaqt li tirrespingi l-eccezzjoni tal-konvenut nomine tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara li dik il-parti tal-bullettin ta’ l-ahbarijiet ta’ Net Television tad-19 ta’ Settembru tas-sena 2002 riferita fl-avviz odjern hi libelluza u malafamanti fil-konfront ta’ l-attur Dr. Joseph Brincat u li effettivament tesponieh ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku;

Illi f’dan l-istadju hu rilevanti dak li gia’ gie ritenut mill-Qorti ta’ l-Appell fid-decizjoni taghha fl-ismijiet Vincent Borg vs Victor Camilleri et datata l-15 ta’ Novembru ta’ l-1994, senjatament li:

“Id-danni li ghandha tillikwida l-Qorti ghall-hsara sofferta mill-atturi mhux soggetta ghal xi regoli bhal fil-kaz ta’ danni reali kkontemplati fil-Kodici Civili. Il-Ligi tal-Istampa thalli l-likwidazzjoni tal-kumpens fid-diskrezzjoni kompleta tal-gudikant b’limitu ta’ LM2000”, (liema ammont illum zdiet ghall-hamest elef Lira Maltin, [LM5,000.00,0]);

Illi in vista tal-premess din il-qorti qed tissottolinea l-fatt li fil-kwantifikazzjoni tad-danni nfraskritt qed taghmel referenza ghall-fatt li waqt l-andament tal-procedura odjerna il-konvenut ghazel il-latitanza u mhux li jkun ta' assistenza fejjieda ghall-din il-qorti;

Rat ghalhekk l-artikolu 28 (1) tal-Kap 248 u tikkundanna lill-konvenut Anton Attard nomine ihallas in linea ta' danni lill-attur Dr. Joseph Brincat l-ammont ta' tlett mitt Lira Maltin, (LM300.00,0), bl-ispejjez kontra l-istess konvenut nomine."

Il-konvenut appella minn din id-decizjoni bl-aggravji f'dawn it-termini:-

(1) Fuq il-bazi tal-eccezzjoni tieghu illi dak li gie mxandar ma fih xejn libelluz, l-attur kellu 'sine qua non' iressaq prova ta' dak li gie attwalment imxandar kif ukoll li huwa kien l-editur registrat ta' Net Television. Huwa jissottometti illi t-transcript tax-xandira ma tikkostitwiex prova tal-kontenut tal-allegata xandira;
(2) Fil-meritu, dak li xxandar kien jikkostitwixxi 'fair comment' dwar l-agir politiku ta' persuna pubblika.

Kwantu ghall-ewwel aggravju din il-Qorti tipprofessa illi ssibha difficli biex taccetta l-ispropozitu illi l-eccezzjoni unika tieghu, korrelatata mal-meritu tal-kaz, kellha tinftiehem ukoll u tkun intiza illi l-attur naqas li jiddisimpenja l-oneru ta' prova fir-rigward tax-xandira nnifisha u dwar min kien l-editur registrat tal-istazzjon Net Television li xandar in-notizja jew kumment.

Ibda biex l-Att dwar l-Istampa (Kap 248) mkien ma jikkontjeni provvediment li jaghmilha tassattiv illi, preordinatament ghall-prova tal-fatt allegat dwar il-malafama, l-attur ghandu jgib prova dwar min kien l-editur tal-kumment stampat jew imxandar jew li b'xi obbligu ghandu jipproduci bilfors il-cassette relattiv ghal dak li xxandar. Kull ma tghidlek din il-ligi hu lil min tista' tharrek (Art 23). Il-kumplament, riferibilment ghall-provi, orali jew dokumentali, regolati bil-Kodici ta' Procedura, huwa mholli ghall-partijiet in kawza, u r-riljiev li jigi attribwit lil dawn l-

istess provi mill-gudikant ghal-liberu konvinciment tieghu. Apparti l-vinkolu tal-prova legali li di diritto ghall-applikabilita` taghha tirrientra fl-“officium iudicis” ta’ min hu msejjah biex jiggudika, il-mezzi l-ohra tal-prova jappartjenu ghan-normi prefissati mil-legislatur fil-Kodici ta’ Procedura, u gieli wkoll fil-Kodici Civili ghal tip ta’ prova partikolari.

Issa hu minnu illi tibqa’ esigenza logika tan-norma procedurali (Art 562 Kap 12) illi l-obbligu tal-prova ta’ fatt imiss dejjem lil min jallega. Dan fuq l-istregwa tar-regola tradizzjonali “onus probandi incumbit ei qui dicit”. Regola din li sservi kemm bhal bazi tad-dritt azzjonat mill-attur (“actore incumbit probatio”) kemm bhala fondament tal-eccezzjoni sollevata biex tikkuntrasta l-pretiza tal-avversarju (“reus in excipiendo fit actor”).

Fil-kaz in diskussjoni, pero`, l-prova li dwarha jinsisti l-appellanti li kellha tingieb mill-attur, tista’ tkun assunta kemm aliunde kif ukoll mill-inferenza presuntiva illi gjaladarba hu stess ma ikkontrastax, b’debita eccezzjoni, il-fatt li t-transcript ma kienx jikkorrispondi fedelment ghax-xandira jew li hu ma kienx l-editur, allura ma kien hemm l-ebda oggett ta’ prova x’tingieb in kwantu dawn il-fatti kellhom jitqiesu pacifici. Dan multo magis, imbaghad, meta kif fuq ravvizat, ma tezisti l-ebda disposizzjoni espressa li tezigi tassattivament prova bhal din. Certament ma kienx jinkombi fuq il-Qorti illi fatt provat, anke jekk tacitament, kellha tiskartah jew tinsisti li ssirilha l-ahjar prova a sensu tal-Artikolu 559. Il-principju kien u jibqa’ li l-Qorti tiddeciedi “iuxta allegata et probata” u skond il-konvinciment taghha izda ma jfisserx illi kien hemm xi obbligu fuqha li tikkonduci l-provi tal-partijiet hi jew li tfittex hi l-kontroversja fejn din ma tezistix u l-materja tkun pacifika bejn il-kontendenti.

Il-principju tal-oneru tal-prova f’dan il-kuntest, assidwament arguwit mill-appellanti, jiddependi mir-rizultanzi istruttorji kollha tal-process ottenuti bi kwalsiasi mod, legalment accettabbli, u indipendentement ad istanza ta’ min fost il-partijiet. Dan ghaliex dawn l-istess rizultanzi jikkonkorru indistintament flimkien ghal

firmazzjoni tal-konvinciment. U allura xejn ma hu eskluz, lanqas il-fatt illi l-konvenut tacitament akkweixxa, u a tempo debito, dak li issa qed jivventila bhala mankanza ta' prova.

In bazi ghall-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula dan l-ewwel aggravju tal-appellanti ma jistax jigi akkolt u ghalhekk qed jigi respint.

L-aggravju l-iehor sollevat fil-meritu difficilment, imbaghad, jista' jigi accettat fuq ir-ragonament dedott mill-appellanti fir-rikors tal-appell tieghu. Dan ghas-semplici raguni illi mit-traskrizzjoni tax-xandira in atti l-kumment ma kienx semplici kritika tal-agir politiku tal-attur. Li kieku kien jikkonsisti f'dan biss ma kienx ikun hemm la gustifikazzjoni u lanqas legittimita` tal-bazi tal-azzjoni tal-attur. Dan hu ormai bil-wisq pacifiku kif rifless minn din il-gurisprudenza: "**Onor Gerald Lord Strickland –vs- Av Dottor Enrico Mizzi**", Appell, 25 ta' April 1938; "**Onor Philip Muscat –vs- Victor Camilleri noe**", Appell, 19 ta' Mejju 1995 fost bosta ohrajn. B'riflessjoni ohra, anke hawn pero` ma naqasx milli jigi senjalat illi l-latitudni tal-kritika trid tinzamm fil-parametri accettati "tad-dicenza permissibbli f'socjeta` demokratika" ("**Onor Lorry Sant –vs- Victor Camilleri noe**", Appell, 14 ta' Frar 1994) u li l-liberta` tal-istampa ma tittraxxendix f'brevett ta' immunita` mill-konsegwenzi ta' addebiti foloz u minghajr l-icken sforz ta' verifika, intizi biss biex jiffangaw l-integrita` ta' haddiehor, anke politiku jew f'kariga pubblika ("**Onor Perit Charles Buhagiar –vs- Ray Bugeja noe**", Appell, 25 ta' Mejju 2001).

Fil-kaz in ezami gew attribwiti fatti li, skond ma jinghad fix-xhieda tal-attur, mhux kuntrastata, irrizultaw li ma kienux jikkorrispondu ghall-verita` fil-kompletezza taghhom (Ara "**Il-Pulizija –vs- Dottor Carmelo Caruana**", Appell Kriminali, 14 ta' Awissu 1958). Fatti riflettanti fuq il-karattru, l-imgieba u r-reputazzjoni ta' bniedem fil-professjoni. Ara **Gatley** "On Libel and Slander", 7th Edition, 1974, pagni 57 u 62; u s-sentenza fl-ismijiet "**Avukat Giannella Caruana Curran –vs- Noel Grima**

**noe**”, Prim’Awla Qorti Civili, 3 ta’ Ottubru 2001, pendenti quddiem l-Appell.

Fic-cirkostanzi din il-Qorti, bhall-ewwel wahda, ma jidhriliex illi l-appellanti rnexxielu jezimi ruhu mir-responsabilita` ghad-danni derivanti mil-lezjoni tad-dritt ta’ l-unur tal-attur appellat. Dan in kwantu senjatament tonqos il-verita` oggettiva tan-notizja jew kumment imxandar.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi rigettat u s-sentenza appellata, konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------